Minuti tal-Laqgħa Nru. 12 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu 2013 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa<br>Is-Snrna. Christina Sammut |
| Skużata | Is-Sur. Victor Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Jum Ħal Luqa/Ġieħ Ħal Luqa
5. Proġett Family Park
6. Egħluq tal-proġett Youths Meet the Cultural Heritage
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Massa semmiet li fuq it-trasport għad Daycentre hija kienet kellmet lil carer u din s' issa għadha ma lestitiex.

2.2 Il-Kunsillier Caruana semma li l-bins li kellhom jittieħdu l-ground għadhom ma ttieħdux. Is-Sindku appella lis-Segretarju sabiex jara x' hemm bżonn isiru tiswijiet fuq il-bins u dawn jittieħdu l-ground.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku tkellem fuq il-kuntrattur tas-soft areas li bħala xogħol dan mhuwiex sodisfaċenti fejn qed jitħalla ħafna ħaxix ħażin u anki nuqqas ta fjuri. Is-Sindku semma li huwa stess irċieva diversi ilmenti mingħand ir-residenti u vverifika dak li kien qed jintqal billi huwa stess kif ukoll il-Viċi Sindku raw b' għajnejhom. Is-Segretarju ressaq ukoll xi ritratti li kien ħa tas-soft areas fejn juru dan. Huwa talab lis-Segretarju sabiex isir meeting meigħu u jingħata l-aħħar warning peress li dawn in-nuqqasijiet huma persistenti.

3.2 Il-Kunsillier Camilleri semma wkoll li tal-ġbir tal-iskart qiegħed kontinwament iħalli l-iskart f' diversi bandi u dan ma jinġabarx. Is-Sindku u l-Viċi Sindku semmew ukoll li huma qed jirċievu dawn l-ilmenti ta kuljum. Is-Sindku appella lis-Segretarju sabiex dan jiġi msejjaħ waqt il-laqgħa li kienet imsemmija hawn fuq u jinggata l-aħħar twissija.

3.3 Il-Kunsillier Camilleri saqsa jekk il-ħin tal-ġbir tal-iskart hux se jinbidel minħabba l-ħin tas-Sajf. Is-Sindku qal li dan se jibda jsir għal ħabta tal-ħin ta filgħodu u għalhekk ir-residenti se jkunu avżati minn qabel.

3.4 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li l-camera li kien hemm fi Triq Dun Pawl kienet tneħħiet peress li meta din ġiet mgħoddija lir-Reġjun dan ħass li din mhijiex vjabbli.

3.5 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet jekk kinitx saret laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi billi hemm il-bżonn li jsiru diversi bus shelters.

3.6 Il-Kunsilliera Sammut saqsiet fuq kaxxa safra li hemm fi Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Sindku irrisponda li din kienet saret minħabba li hemm mara marida li ma tistax tieqaf il-bogħod mid-dar.

3.7 Il-Kunsillier Camilleri saqsa meta se jerġgħu jinżebgħu l-parking bays bl-abjad fi Triq San Ġorġ. Is-Sindku semma li dawn se jingħataw lill-ħaddiema biex isir dan ix-xogħol.

3.8 Il-Kunsilliera Massa semmiet li hija kienet avviċinata mill-Kappillan peress li qed ikollu problema biex joħroġ mid-drive in tal-garaxx. Is-Sindku issuġġerrixxa biex tingħata pot ta no parking sabiex din tindika aħjar u ma jsirx parkeġġ quddiem iż-żona.

3.9 Il-Kunsillier Falzon saqsa meta se jinżebgħu s-sleeping policeman li hemm fi Triq il-Wilġa. Is-Segretarju wieġeb li huwa se jerġa jfakkar lill-ħaddiema biex dawn jagħmluhom.

3.10 Is-Sindku semma li għandha ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari fuq il-Kunsilli Lokali fejn fost l-oħrajn hemm ippjanat li niddiskutu miegħu fuq il-proġett tal-uffiċċju aministrattiv ġdid. Huwa qal li se jkun qed javża l-Kunsilliera fuq din il-laqgħa.

3.11 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li għal attivita ta Jum Ħal Luqa li applikajna l-iskema tal-attivitajiet kulturali ingħatajna l-ammont ta €2,000. Huwa saħaq li dan l-ammont lanqas biss iservina għal Baned. Għalhekk ippropona li bħala Kunsill irridu nagħmlu tajjeb għall attivitajiet l oħra li ser jiġu organiżżati. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

3.12 Is-Sindku semma wkoll li għall iskema tal-inizjattivi sportivi il-Kunsill se jingħata nofs l-ammont biex jikkordina l-program After School Sports Program for Primary Schools.

3.13 Is-Sindku semma li se ssir konferenza fuq il-libreriji f' April. Huwa appella lill-Kunsilliera Sammut sabiex tattendi għal din il-konferenza.

3.14 Is-Sindku semma wkoll li se jkun organiżżat seminar fuq id-drittijiet tal-konsumatur li jista jkun t' interess għalina. Huwa appella lill-Kunsilliera Sammut sabiex tattendi.

**4.0 JUM ĦAL LUQA/ĠIEĦ ĦAL LUQA**

4.1 Il-Viċi Sindku tkellem fuq Jum Ħal Luqa u l-importanza ta Ġieħ Ħal Luqa. Ta kull sena l-Kunsill Lokali jagħti Ġieħ lill-dik il-persuna li tkun tat kontribut lill-komunita tagħna. Huwa stqarr li jemmen li din is-sena għandu jingħata Ġieħ Ħal Luqa lill-Onor Silvio Schembri.

4.2 Dak il-mument is-Sindku stess talab lill-Kunsill biex jiġi skużat sakemm tispiċċa d-diskussjoni fuq din il-materja. Il-Viċi Sindku semma d-diversi raġunijiet fuq liema mertu huwa kien qed jipproponi lill-Onor. Schembri għall Ġieħ Ħal Luqa, ewlenin fosthom bħala l-iżgħar membru parlamentari li qatt kien hawn Ħal Luqa, s-sehem li huwa ta sabiex diversi għaqdiet ġewwa Ħal Luqa akkwistaw fondi Ewropej, kif ukoll għas sehem tiegħu fil-proġett tal-Family Park ġewwa Ħal Farruġ li huwa intiż biex itejjeb l-ambjent ta dik l-akkwata.

4.3 Din il-proposta kien issekondata mill-Kunsilliera Massa fejn il-Kunsilliera kollha preżenti qablu unanimament ma din il-proposta.

4.4 Il-Viċi Sindku semma li se jkun hemm żewġ dati li fuqhom se ssir din l-attivita li huma l-15 ta Mejju, bħala Quddiesa Solenni u serata ta varjeta fid-19 ta Mejju. Il-Viċi Sindku ippropona wkoll li għal din l-okkażżjoni nistgħu ninvolvu ż-żewġ każini. Huwa semma wkoll li għal Ġieħ Ħal Luqa għandu jingħata l-Ħadd.

4.5 Is-Sindku qabel ma dak li ppropona l-Viċi Sindku u qal li għandna inżidu aktar attivitajiet barra dawn id-dati. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku u fil-laqgħa li jmiss inkunu f' pożizzjoni li ngħidu liem huma dawn l-attivitajiet.

## 5.0 PROĠETT FAMILY PARK

5.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-Family Park ix-xogħol huwa miexi ġmielu u anki saru l-ġwiebi, li bħala Kunsill irridu nagħmlu tajjeb għalihom sabiex setgħu jinħarġu l-permessi tal-MEPA. Fil-proġett bħalissa anki saru l-maġġoranza tal-passaġġi.

## 6.0 EGĦLUQ TAL-PROĠETT YOUTHS MEET THE CULTURAL HERITAGE

6.1 Il-Viċi Sindku ta dettalji fuq il-konferenza tal-proġett Ypuths Meet the Cultural Heritage li se ssir bejn it-18 u l-21 t' April. Huwa semma li bħala preparazzjoni diġa sar workshop f' Ħaġar Qim fejn anki ser ikun mistieden il-Ministru tal-Edukazzjoni. Il-Viċi Sindku semma li l-iskola Maltija hija ppreparata tajba u diġa taw sehem tajjeb anki fil-workshops ta qabel.

6.2 Is-Sindku ippropona li d-delegazzjoni ser tkun immexxija minnu u tinkludi l-Viċi Sindku, l-Kunsilliera Lucia Massa kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv is-Sur. Michael Portelli. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta peress li dawn il-persuni kienu mill-bidu nett involuti f' dan il-proġett.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

7.1 Is-Segretarju spjega li l-pagament ta Alhag Ltd huwa rigward il-proġett tal-Family Park. Għalkemm l-ammont kien ta €73,632 imma tħallas biss l-ammont ta €50,000 li flus se jkunu rifużi lura mill-Unjoni Ewropeja.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2013, fis-6.30 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2013.

________________ ________________

John Schembri — Michael Portelli

Sindku — Segretarju Eżekuttiv